MALTA

# TRIBUNAL TAL-APPELL GHALL-KOMPETIZZJONI U GHALL-KONSUMATUR

## ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 3/2010

**Imnara Limited**

**vs**

**Ufficju ghall-Kompetizzjoni**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta’ Imnara Limited tat-13 ta’ April 2010 li permezz taghha l-istess socjeta talbet revizjoni tad-direzjoni tal-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta tas-26 ta’ Marzu 2010;

Ra l-atti kollha;

Ra illi dan l-ilment thalla ghad-decizjoni tat-Tribunal gia Kummissjoni ghal Kummerc Gust u dan a bazi tal-ligi cioe l-Kap. 379 kif kienet fi zmien tal-ilment.

**Ikkunsidra**

Is-socjeta Imnara Limited qed tilmenta illi l-Malta Freeport Terminals Limited kienet diskriminatorja fil-konfront tas-socjeta lanjanti ghaliex kienet qed taghti trattament differenti lil terzi b'mod li tpoggi lis-socjeta lanjanti fi zvantagg kompetittiv. Qed issostni li tali prattika hi illegittima u sanzjonabbli a bazi tal-artikolu 5(1)(d) tal-Kap. 379 li jipprovdi hekk:

5. (1) (d) jimponu l-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet differenti ghal transazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet ohra mhux imdahhla f'dak l-akkordju, u b'hekk ipogguhom fi zvantagg kompetittiv;

Dak li inizjalment wassal ghal dan l-ilment hu l-allegazzjoni da parti tas-socjeta lanjanti li meta giet biex titlob ir-rilaxx tal-merkanzija taghha minghand l-operatur tal-Port Hieles cioe Malta Freeport Terminals Limited, din agixxiet maghha b'mod diskriminatorju. Din id-diskriminazzjoni kienet tikkonsisti fil-fatt illi ma' operaturi ohra l-Malta Freeport Terminals Limited kienet laxka fil-mod kif isir ir-rilaxx, izda fil-konfront tas-socjeta Imnara, l-ufficjal inkarigat mis-socjeta Malta Freeport Terminals Limited imminaccja li ser jimxi mas-socjeta bil-pinna u klamar u japplika r-regola u prattici ezistenti ad litteram.

L-Ufficju tal-Kompetizzoni Gusta li stharreg dan l-ilment ikkonkluda illi l-allegat agir mhux sindakabbli taht il-ligi tal-kompetizzjoni ghax hu agir li jmur kontra proceduri regolatorji u mhux kontra agir kontemplat fil-Kap. 379 u l-ilment kellu jigi indirizzat u segwit minn dik l-istess Awtorita taht il-Kap. 334 li tirregola l-Malta Freeport Terminal. Inoltre bhala fatt l-Ufficju ma sabx x'jissenjala kontra li l-Malta Freeport Terminal Limited tenforza proceduri li hi stess stabbilit u hu kompitu taghha li tinvestiga allegazzjonijiet maghmula mis-socjeta lanjanti.

Is-socjeta lanjanti hasset ruhha aggravata minn din id-decizjoni u ghalhekk hu kompitu ta' dan it-Tribunal jistharreg mill-gdid dak li minnu qed tilmenta s-socjeta Imnara Limited.

## Fatti

Il-fatti fil-qosor hafna huma illi s-socjeta rikorrenti kellha container li xtaqet tohrog mill-freeport u billi dan il-container kien jappartjeni lis-sid differenti minn dak tal-vapur il-procedura stabbilita mill-Malta Freeport Terminal kienet illi jrid ikun hemm it-timbru tal-agent tal-vapur u l-agent tal-container. F'dan il-kaz kien hemm timbru nieqes u meta l-burdnar tas-socjeta lanjanti mar biex johrog il-container mill-freeport, dan ma thalliex minhabba dan il-fatt.

Is-socjeta lanjanti ma gabet ebda prova kuntrarja li fil-fatt kien hemm xi procedura differenti.

Madankollu kif xehed ufficjal inkarigat mill-Malta Freeport Terminals Limited cioe Adrian Mallia, hi l-prassi li biex ma jinheliex hin, jekk jintbaghat fax bid-dokumenti kontenenti t-timbru li kien nieqes fid-dokumenti originali, allura r-rilaxx jithalla jsir u aktar tard tigi mghoddija lill-Malta Freeport Terminal Limited l-original tal-fax. Hu stqarr li hekk gara f'dan il-kaz bhal ma jigri f'kull kaz iehor simili bla ebda distinzjoni. Fil-fatt mid-dokumenti esebiti cioe dawk komputerizzati juru illi l-container ma nzammx aktar minn saghtejn minn meta seta' jinhareg li kieku d-dokumenti kienu kollha ittimbrati mill-bidu nett. Id-direttur ta' Imnara Limited xehed li hu rceva l-kunsenja dakinhar pero wara nofsinhar izda irrizulta fil-fehma tat-Tribunal illi d-dewmien kien dovut ghax il-burdnar ma baqax jistenna l-container meta nqalghet il-problema fuq id-dokumenti izda mar jaghmel xoghol iehor, u dan jispjega ghalfejn il-konsenja waslet ghand is-socjeta Imnara diversi sighat wara.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Dan it-Tribunal jaqbel mal-konkluzjonijiet raggunti mill-Ufficju tal-Kompetizzjoni.

Fl-ewwel lok il-lanjanza ma ssibx applikazzjoni fl-artikolu 5(1)(d) tal-Kap. 379 u dan peress illi ma gie ippruvat ebda ftehim restrittiv li jxekkel il-kompetizzjoni kif irid l-istess artikolu. Fil-fatt lanqas gie ippruvat illi Malta Freeport Terminals Limited hi operatur fis-suq ta’ Imnara Limited biex tkun f’pozizzjoni li taghmel ftehim ma’ terzi fl-istess suq. Malta Freeport Terminals Limited ghandha operat regolat bil-ligi sabiex tirrilaxxa containers ghas-suq lokali meta dawn jaslu fil-Port Hieles, ghall-klijenti fis-suq lokali. Malta Freeport Terminals Limited ma tqassamx hi l-containers jew tuzufruixxi ruhha mis-sistema ta’ tqassim biex topera negozju f’Malta. Semmai s-suq rilevanti kellu jkun dak tal-burdnara li jqassmu x-xogholijiet lil klijenti, u Malta Freeport Terminals Limited ma ghandhiex funzjoni ta’ burdnar. Kwindi ma hemmx ness ta’ kompetizzjoni bejn Malta Freeport Terminals Limited u Imnara Limited.

Lanqas jista’ jinghad u anqas gie ippruvta illi Malta Freeport Terminals Limited ghamlet restrizzjonijiet jew proceduri stringenti li wzathom biss fil-konfront ta’ containers migjuba ghal Imnara Limited jew tal-burndar li tuza Imnara Limited, liema restrizzjonijiet jew proceduri stringenti kienu intizi biss fil-konfront ta’ Imnara Limited biex tigi svantaggjata fil-konfront ta’ utenti ohra tal-Malta Freeport Terminals Limited li riedu juzufruixxu ruhhom mill-istess servizzi bhal Imnara Limited.

Lanqas gie ippruvat li hemm xi ftehim bejn Malta Freeport Terminals Limited u operaturi ohra fis-suq li jdahhlu containers f’Malta li bih gew eskluzi Imnara Limited jew b’xi mod svantaggjati.

Malta Freeport Terminals Limited kellha proceduri appoziti ghar-rilaxx ta’ containers fis-suq lokali li kellha kull dritt taghmilhom u dawn kienu qed jigu uzati ‘across the board’. Ma ntwera xejn li timmilita kontra din il-prova.

Ghalhekk mill-lat legali procedurali, dan it-Tribunal iqis illi l-ilment ma’ jistax jittiehed kont tieghu fil-kuntest tal-artikolu 5 tal-Kap. 379.

Dan it-Tribunal mhux ser jidhol fil-kwistjoni tal-mertu tal-ilment mressaq cioe jekk xi impjegat ta’ Malta Freeport Terminal Limited kienx negligenti jew abusiv fil-konfront ta’ Imnara Limited waqt il-qadi ta’ dmirijietu. Ghal din il-lanjanza Imnara Limited ghandha rimedji legali bil-ligijiet vigenti ta’ pajjizna izda zgur mhux taht il-Kapitolu 379 artikolu 5 li ma hux applikabbli ghal lanjanza tas-socjeta Imnara Limited u ghalhekk l-agir allegat mis-socjeta Imnara Limited mhux sindakabbli taht din il-ligi.

**Decide**

Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi illi t-talba ta’ Imnara Limited tat-13 ta’ April 2010 ghar-revizjoni tad-decizjoni tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni tas-26 ta’ Marzu 2010 ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet moghtija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------